MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 1075/2007

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Richard Zammit, Marion Zammit mart l-imsemmi Richard Zammit, Isabelle Zammit, Nazzareno Dingli u Carmela Dingli**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fis-16 ta’ Ottubru 2007 il-bank attur qieghed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta’ tlett mija u sebgha u sebghin elf mitejn u tmienja u ghoxrin ewro u sitta u erbghin centezmu (€377,228.46) bl-imghax mis-6 ta’ Lulju 2007, b’dan li l-garanti solidali Nazzareno u Carmela

konjugi Dingli u Isabelle Zammit ghandhom ihallsu s-somma ta' mitejn u ghaxart elef tmien mija u tmien ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€210,808.29) bl-imghax mit-28 ta' April 2002. Fir-rikors guramentat il-bank iddikjara li l-hlas hu dovut b'riferenza ghall-facilitajiet bankarji li nghataw lil Richard Zammit u ghamel riferenza ghal kont ta' selfnumru 039-016472-302, kont numru 039-016472-340 u kont numru 039-016472-341.

Jirrizulta li:-

1. Richard u Marion konjugi Zammit baqghu kontumaci[1].
2. Il-konvenuti l-ohra, cjoe' martu Marion Zammit u l-konjugi Dingli, fl-20 ta' Frar 2008 pprezentaw twegiba guramentata fejn eccepew li[2]:-

i. M'huwiex minnu li huma ffirmaw li huma garanti solidali tal-HSBC ghall-facilitajiet bankarji li hadu l-konjugi Zamit.
ii. Il-garanzija li ffirmaw il-konjugi Dingli kienet limitata ghas-somma ta' Lm10,000 u ghamlu tajjeb b'garaxx li jifforma parti mid-dar matrimonjali numru 14, Caron, Triq Marju Pace, Hal Qormi. Il-garaxx igieb in-numru 16.
iii. Richard Zammit huwa hu Isabelle Zammit u Carmela Dingli, u meta naqas milli jhallas id-dejn li kellu mal-bank kien talab lill-konjugi Dingli biex jaghmlulu garanzija ta' Lm10,000 bl-ghoti tal-garaxx bhala garanzija, u talab lil Isabelle Zammit taghti garanzija ta' Lm4,000. Isabelle Zammit accettat u tat l-appartament taghha bhala garanzija.
iv. Kien biss fl-ahhar tal-2006 li dawn il-konvenuti saru jafu li l-bank kien qieghed jippretendi li hu kreditur taghhom fis-somma ta' Lm95,000 minflok fl-ammont ta' Lm14,000. Dan meta Richard Zammit kien qieghed jipprova jasal f'arrangament mal-bank sabiex jaghlaq il-pendenzi kollha tieghu billi jhallas Lm50,000 u jithassru l-garanziji kollha li taw Dingli u Zammit.

---

[1] Ara riferta a fol. 134.
[2] Fol. 142. Jirrizulta li kienu wkoll gew notifikati bl-avviz tas-smiegh (ara riferta a fol. tat-22 ta' Lulju 2008).

v. Meta gew infurmati mill-avukat ta' fiducja taghhom bil-pretensjoni tal-bank, l-istess bank mill-ewwel gie nfurmat li huma qatt ma ggarantew il-hlas tas-somma ta' Lm90,500. Fatt ikkonfermat mill-istess Richard Zammit.
vi. Fl-inkontri li kienu saru ma' ufficjali tal-bank, kien gie allegat minn Richard Zammit li l-bank u/jew in-nutar Dr Sandro Schembri Adami kienu dahku bih u/jew hutu meta l-uniku garanzija li kellha tinghata kienet ghas-somma ta' Lm14,000.
vii. Il-konvenuti baqghu dejjem disposti li jhallsu lill-bank is-somma ta' Lm14,000, madankollu l-bank dejjem baqa' jinsisti li jiehu minghandhom is-somma li tissemma fir-rikors guramentat, sakemm ma jsirx arrangament ma' Richard Zammit li bih jasal biex ihallas id-dejn kollu fuq rati mensili mifruxa fuq 34 sena.

Permezz ta' kuntratt:-

i. Tal-25 ta' Frar 1999 fl-atti tan-nutar Dr Sandro Schembri Adami[3], Mid Med Bank plc ta lil Richard Zammit self ta' Lm10,000 sabiex tintuza ghan-negozju. Fuq l-att deheru wkoll Marion Zammit, il-konjugi Dingli u Isabelle Zammit bhala garanti solidali ghas-self li nghata.
ii. Tal-25 ta' Frar 1999 fl-atti tan-nutar Dr Sandro Schembri Adami[4], Mid Med bank plc ta lil Richard Zammit facilita ta' overdraft. Fl-att jinghad li Zammit kien qieghed jinghata l-fakolta *"....to further overdraw his account, and to grant him such other banking facilities, as he may require, including as guarantor facilities, provided that the total indebtedness of the customer to the Bank, actual or contingent, shall at no time exceed the sum of sixty seven thousand maltese liri (Lm67,000), inclusive of the previous overdraft and other banking facilities of twenty five thousand maltese liri (Lm25,000)."*[5]. Fuq l-att deheru wkoll Marion Zammit, Isabelle Zammit u l-konjugi Dingli bhala

---

[3] Fol. 126.
[4] Fol. 118.
[5] Fol. 120. Mill-atti jirrizulta li qabel dan l-att kienu gew pubblikati erbgha kuntratti ohra fejn Richard Zammit inghata facilita ta' overdraft inizjalment ta' Lm5,000 (17 ta' Dicembru 1990), Lm5,000 (23 ta' Gunju 1993), Lm2,000 (30 ta' Jannar 1995) u Lm13,000 (2 ta' Ottubru 1996). Ghalhekk sad-data tal-kuntratt tal-25 ta' Frar 1999 kien diga' kellu overdraft ta' Lm20,000. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-affidavit ta' Catherine Fenech (ara fol. 172).

garanti solidali u gie ddikjarat li *"....the sureties hereby stand joint and several sureties, between themselves, and with the customer, in favour of the Bank, which accepts, and guarantee this obligation by granting to the Bank, which accepts, a general hypothec on all their property in general, present and future, and a special hypothec.........".* Jinghad ukoll li *"The hypothecary guarantees granted by the sureties on this deed, are for the full facilities of sixty seven thousand maltese liri (Lm67,000), except for those granted by the surety Marion Zammit, which are for fifty two thousand maltese liri (Lm52,000)."*[6].

Jirrizulta wkoll li gew iffirmati skritturi ta' garanzija, bl-istess data tal-kuntratti, favur il-bank minn:-

(a) Marion Zammit li ghaliha deher zewgha Richard Zammit, ghas-somma ta' Lm52,000 flimkien ma' imghax u spejjez[7].
(b) Marion Zammit li ghaliha deher zewgha Richard Zammit, ghas-somma ta' Lm8,000 flimkien ma' imghax u spejjez[8].
(c) Marion Zammit li ghaliha deher zewgha Richard Zammit, ghas-somma ta' Lm10,000 flimkien ma' imghax u spejjez[9].
(d) Nazzareno u Carmela konjugi Dingli, ghas-somma ta' Lm67,000 flimkien mal-imghax u spejjez[10].
(e) Nazzareno u Carmela konjugi Dingli, ghas-somma ta' Lm5,500 flimkien mal-imghax u spejjez[11].
(f) Nazzareno u Carmela konjugi Dingli, ghas-somma ta' Lm8,000 flimkien mal-imghax u spejjez[12].
(g) Nazzareno u Carmela konjugi Dingli, ghas-somma ta' Lm10,000 flimkien mal-imghax u spejjez[13].

---

[6] In-nutar Dr Cora Vella, mill-ufficcju tal-Arkivji Notarili kkonfermat li l-kopji tal-kuntratti esebiti fl-atti huma vera kopja tal-original (seduta tat-3 ta' Dicembru 2008).
[7] Fol. 24.
[8] Fol. 30.
[9] Fol. 36.
[10] Fol. 42.
[11] Fol. 46.
[12] Fol. 50.
[13] Fol. 54.

(h) Isabelle Zammit, ghas-somma ta' Lm67,000 flimkien mal-imghax u spejjez[14].
(i) Isabelle Zammit, ghas-somma ta' Lm5,500 flimkien mal-imghax u spejjez[15].
(j) Isabelle Zammit, ghas-somma ta' Lm8,000 flimkien mal-imghax u spejjez[16].
(k) Isabelle Zammit, ghas-somma ta' Lm10,000 flimkien mal-imghax u spejjez[17].

Jirrizulta wkoll li Richard u Mario konjugi Zammit izzewwgu fl-14 ta' Settembru 1984.

Fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2009 kien inhatar Martin Bajada bhala espert kalligrafu sabiex:-

*"wara li jiehu kampjun tal-firem u jqabblu mal-firem fuq l-atti tal-process, jghid jekk il-firem tal-konvenuti humiex awtentici. Ghal dan il-ghan l-espert ghandu jkollu access ghall-original tad-dokumenti fil-pussess tan-nutar kif ukoll ghall-original tal-garanziji fil-pussess tal-bank attur."*[18].

Permezz ta' rapport prezentat fis-17 ta' Settembru 2010, Martin Bajada rrelata:-

*"Illi, mill-analizi ta' identifikazzjoni li l-konvenuti gew mitluba jaghmlu fuq kampjun konsistenti mill-kampjun tal-firem tal-konvenuti u l-firem allegatament tal-konvenuti fuq il-garanziji bankarji esebiti mill-PL Catherine Fenech f'isem il-HSBC Bank (Malta) plc, jirrizulta li l-konvenuti ma jaghrfux il-firem taghhom stess li taw bhala kampjun lill-esponent fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2009 u s-16 ta' Ottubru, 2009.*

*Illi l-konvenuti waqt is-seduta tat-12 ta' Frar 2010 gharfu firem fuq il-garanziji bankarji li precedentement qalu li ma kienux iffirmati minnhom.*

---

[14] Fol. 58.
[15] Fol. 62.
[16] Fol. 66.
[17] Fol. 70.
[18] Fol. 221.

*Illi, kien evidenti u ghalhekk saru aktar accertamenti mill-esponent li l-konvenuti kienu gharfu biss il-firem fuq il-garanzija bankarja ta' hamest elef u hames mitt liri Maltin (Lm5,500) bhala firem taghhom.*

***Illi mit-trait analysis li sar bejn il-kampjun tal-firem tal-konvenuti mal-firem li hemm fuq il-garanziji bankarji, esebiti animo ritirandi bhala Dok. I sa Dok. VII l-esponent huwa tal-opinjoni li fuq l-garanziji bankarji l-firem huma tal-konvenuti Nazzareno k/a Ronnie Dingli ID 0182359(M), Carmela Dingli ID 08383553(M) u Isabella Zammit 0014263(M)."*** (enfazi tal-qorti).

Il-konkluzjoni tal-perit gudizzjarju xxejjen ghal kollox it-tezi li l-firem tal-konjugi Dingli u Isabelle Zammit gew iffalsifikati. B'riferenza ghal dak li xehedu l-konvenuti Isabelle Zammit u l-konjugi Dingli, il-qorti tosserva:-

i. **Isabelle Zammit** – Murija firma fil-kuntratt tal-25 ta' Frar 1999 tal-overdraft, qalet *"Din qisu hekk naqtaghha t-T jiena pressapoco"*. Qatt ma qalet li m'hijiex il-firma taghha. Dwar il-kuntratt l-iehor ta' self ma qalet xejn. Inoltre ghalkemm qalet li meta ffirmat kienet fl-ufficcju tan-nutar, dan m'huwiex korraborat minn dak li jinghad fil-kuntratti ffirmati fil-25 ta' Frar 1999. Fl-ahhar tal-kuntratti jinghad li l-kuntratti gew pubblikati fil-fond 168, Triq id-Dejqa, Valletta. L-istess fond li jissemma fil-kuntratt pubblikat tat-2 ta' Ottubru 1996 pubblikat minn nutar Dr Marco Burlo[19]. Il-qorti qeghda ghalhekk tifhem li l-fond kien l-ufficcju tal-Mid Med Bank p.l.c. Sahansitra fir-rapport tal-perit tekniku jinghad li *"Isabella Zammit giet murija Dok. HSBC u ma gharfet l-ebda firma li kienet taghha, hlief ghall-firma fuq l-ewwel pagna tal-guarantee form ghall-valur ta' Lm5,500."*. Il-qorti ma tifhimx kif din il-konvenuta insistiet li kull ma ffirmat kien bhala garanti ghal Lm4,000[20]. Cirkostanza li tkompli ttappan il-verzjoni li tat.

ii. **Nazzareno Dingli** – hu evidenti l-istat ta' incertezza dwar jekk iffirmax il-kuntratt tal-*overdraft* tal-25

---

[19] Dok. AD a fol. 112-117.
[20] Ara tielet paragrafu tat-twegiba guramentata a fol. 142.

ta’ Frar 1999. Filwaqt li gharaf il-firma tal-konvenut Richard Zammit, ma kienx kapaci jghid jekk kienx hemm il-firma tieghu. Fil-fatt qal: *“Din qisha tidher il-firma tieghi, mhux se nghidlek li hi l-firma tieghi. Ma nafx. Ma nistax niccertifika jekk hux il-firma tieghi. Naf li zgur din il-firma ta’ Richard ghax rajtha kemm-il darba, imma l-firma tieghi ezatt mhux se nghidlek jekk hux il-firma tieghi jew le.”*[21]. Dwar il-kuntratt l-iehor ma qal xejn jekk kienx qieghed igharaf il-firma tieghu. Iddikjara ukoll li kien fl-2007 li sar jaf li l-hlas li kien qieghed jippretendi l-bank kien ta’ Lm90,500. Verzjoni li ma tghinx il-kredibilita tax-xhud, gialadarba jirrizulta li permezz ta’ ittra ufficjali prezentata fit-28 ta’ Ottubru 2002 il-bank attur interpella lilu u lil martu sabiex ihallsu Lm90,500 bhala garanti solidali ta’ Richard u Mario Zammit. Jirrizulta li l-ittra ufficjali giet notifikata lilhom fl-14 ta’ Novembru 2002[22]. M’hemmx prova li in segwitu ghal din l-ittra ufficjali ttiehdu xi passi mill-konjugi Dingli kontra l-bank. F’dan il-kuntest lanqas mhu korrett dak li gie ddikjarat fir-raba’ paragrafu tat-twegiba guramentata prezentata fl-20 ta’ Frar 2008 li:- *“L-eccipjenti skoprew biss illi l-Bank kien qieghed jivvanta pretenzjoni ta’ Lm90,500 minflok dik reali ta’ Lm14,000 fl-ahhar parti tas-sena li ghaddiet......”*[23]. Osservazzjoni li tapplika wkoll ghal Isabelle Zammit, li jirrizulta li fl-1 ta’ Novembru 2002 giet notifikata b’ittra ufficjali prezentata fit-28 ta’ Ottubru 2002 ghall-hlas ta’ Lm90,500 bhala garanti solidali tal-konjugi Zammit[24].

iii. **<u>Carmela Dingli</u>** – ix-xhud ma qalitx is-sewwa meta ddikjarat li l-ewwel darba li saret taf bl-ammont li kien qieghed jippretendi l-bank kien fl-2007. F’dan ir-rigward issir riferenza ghal dak li nghad fir-rigward tad-deposizzjoni ta’ zewgha. Carmela Dingli, mistoqsija biex tikkonferma jekk f’Ottubru 2002 il-bank talabhomx ihallsu s-somma ta’ Lm90,500, wiegbet *“Le ma kienx”* u kkonfermat li ma rcevew xejn. Jigi osservat ukoll l-istat ta’ incertezza li wriet quddiem il-perit gudizzjarju fis-seduta li saret fil-21 ta’ Lulju 2009, meta l-ewwel ikkonfermat li l-

---

[21] Fol. 250.
[22] Fol. 77-78.
[23] Fol. 143.
[24] Fol. 79-80.

firma fuq l-iskrittura tal-garanzija ghas-somma ta' Lm67,000 hi taghha. Imbaghad meta waqt l-istess seduta regghet giet murija d-dokument, iddikjarat li mhux qed taghraf l-ebda firma bhala taghha. Inkonsistenza li certament ma tghinx il-verzjoni li tat.

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet il-qorti mhi xejn konvinta mill-verzjoni li taw il-konvenuti Isabelle Zammit u l-konjugi Dingli. Fil-fatt il-qort m'hijiex moralment konvinta minn dak li ddikjaraw dawn il-konvenuti fit-twegiba guramentata. Jinghad ukoll li lanqas mhu verosimili li l-bank kien ser jaccetta jaghti iktar facilitajiet bankarji lil Richard Zammit minghajr ma jinsisti ghall-garanzija li kien qieghed jitlob minghand Isabelle Zammit u l-konjugi Dingli u li tissemma espressament wkoll fis-sanction letter datata 25 ta' Mejju 1998[25] li eventwalment wasslet ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratti tal-25 ta' Frar 1999. Il-qorti tosserva wkoll li fir-rigward ta' Dingli, dawn kienu diga' garanti ta' Richard Zammit fil-kuntratti tas-6 ta' Dicembru 1990 u 23 ta' Gunju 1993 pubblikati min-nutar Dr Antoine Agius, u li bihom Richard Zammit inghata facilita bankarja.

Inoltre, ghalkemm hu minnu li dawn it-tlett konvenuti baqghu jinsistu li Isabelle Zammit ffirmat bhala garanti ghal Lm4,000 filwaqt li l-konjugi Dingli ffirmaw bhala garanti ghal Lm10,000, id-dokumenti li ffirmaw juru mod iehor. Fil-fehma tal-qorti kien id-dmir ta' dawn il-konvenuti li qabel jiffirmaw jaccertaw ruhhom dwar dak li kienu ser jiffirmaw ghalih. Jekk qaghadu fuq il-kelma ta' Richard Zammit mhu tort ta' hadd ghajr taghhom li ffirmaw kuntratti minghajr ma vverifikaw u kienu certi x'qeghdin jiffirmaw.

Ghal dak li jikkoncerna l-pretensjonijiet tal-bank fil-konfront ta' Richard u Marion konjugi Zammit, issir riferenza ghall-affidavit tal-Prokuratur Legali Catherine Fenech u ta' Sharon Camilleri, ufficjali tal-bank fejn taw dettalji dwar l-ammonti dovuti minnhom. Kif rajna l-konjugi Zammit baqghu kontumaci u m'hemmx provi li b'xi mod

[25] Dok. Z, fol. 89-93.

jistghu jxejnu l-verzjoni li taw dawn iz-zewg ufficjali tal-bank.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Isabelle Zammit, Nazzareno u Carmela Dingli.**

**2. Tilqa' t-talba tal-HSBC Bank Malta plc u b'hekk:-**

**i. Tikkundanna solidalment lill-konvenuti Richard u Marion konjugi Zammit sabiex ihallsu s-somma ta' tlett mija u sebgha u sebghin elf mitejn u tmienja u ghoxrin ewro u sitta u erbghin centezmu (€377,228.46) bl-imghax mis-6 ta' Lulju 2007;**

**ii. Tikkundanna lil Nazzareno u Carmela konjugi Dingli u Isabelle Zammit sabiex ihallsu solidalment is-somma ta' mija u disgha u sebghin elf tlett mija u wiehed u sittin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€179,361.75) u bl-imghax kif mitlub mit-28 ta' April 2002.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti solidalment.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------